3 ta' Mejju, 1955

Imħallef:
Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Antonio Deguara *versus* Walter George Wicker ne. et.

**"Draft" jew cheque — Gira — Bank — Danni — Interess.**

*B'liġi espressa, dak li jħallas "draft" mhux obligat jivverifika l-awtenticità tal-ġiri li jkun hemm fuq dak id-"draft".*

*Għaldaqstant, f'kawża li ssir biex jiġi dikjarat illi l-firma u l-ġira li hemm fuq "draft" li ġie msarraf minn Bank, huma foloz, il-Bank ma għandux interess li jkun preżenti; u dan billi dik l-azzjoni hija evidentement intiża biex il-Bank ikun jista' eventwalment jiġi ritenut responsabbli għad-danni talli sarraf dak id-"draft".*

**Il-Qorti;** — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li ppremetta illi huwa kien irċieva mill-War Damage Commission iċ-cheque numru 254,043 fuq Barclay's Bank (Dominion and Overseas) għall-import ta' £1203.13.9, maħruġ fis-27 ta' Settembru, 1949; u li dan iċ-cheque ġie msarraf mill-konvenut Sammut mingħajr ma ġie iffirmat jew ġirat mill-attur; u illi l-konvenut Whicker nomine qiegħed jippretendi li l-firma u l-ġira ġiet magħmula mill-attur; talab li jiġi dikjarat u deċiż li l-firma u l-ġira li jidhru fuq l-istess cheque bħala magħmula minn Antonio Deguara fil-fatt huma foloz u mhux magħmula mill-istess Antonio Deguara;

salva kull azzjoni għar-riżarċiment tad-danni. Bl-ispejjeż;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut *Sammut, li* ssottometta illi d-domandi huma infondati, għaliex, meta l-attur ikkonsenja ċ-cheque fuq imsemmi lill-eċċipjent sabiex isarrafulu, iċ-cheque kien firmat, u l-eċċipjent ma kellux *x'jaqsam xejn mal-firma ta'* Deguara;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Walter George Wicker nomine, li ssottometta illi huwa ma għandux interess fil-kawża promossa mill-attur, billi r-relazzjoni tiegħu hija unikament mal-konvenut Sammut, li ppreżenta *l-kambjala u rċieva l-flus tagħha wara li debitament iġġiraha*, u għal dak li jirrigwarda l-ġiri anterjuri huwa eżentat mill-liġi mill-obligu li jivverifika l-awtentiċità tagħhom;

*Omissis;*

*Ikkunsidrat;*

Illi ċ-cheque, hemm imsemmi fl-att taċ-ċitazzjoni, huwa "draft" kontenenti l-ordni tal-War Damage Commission lil Barclays Bank (Dominion, Colonial and Overseas), biex dan il-Bank iħallas is-somma ta' £1203.13.9 lill-attur *Anthony Deguara;*

Illi l-istess "draft" tidher ġirata minn Anthony Deguara u mħallsa lil G. Sammut, li poġġa l-firma tiegħu għat-tergo ta' l-istess "draft" u fuq ir-riċevuta in kalċe tagħha;

Illi l-attur qiegħed jaġixxi kontra l-konvenut Wicker nomine, evidentement sabiex eventwalment ikun jista' jżommu responsabbli għad-danni, biss għaliex jirritjeni illi l-istess konvenut nomine ippretenda li l-ġira riżultanti mill-firma ta' Anthony Deguara ġiet magħmula mill-istess Anthony Deguara l-attur;

Illi, b'liġi espressa, dak li jħallas "draft" mhux obligat jivverifika l-awtentiċità tal-ġiri;

Billi għaldaqshekk il-konvenut Wicker nomine ma għandu l-ebda nteress f'din il-kawża;

Teħelsu mit-talba ta' l-attur; bl-ispejjeż kontra l-istess attur.